MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 1092/2011

**Carmel sive` Charles Attard u John Attard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Attard Brothers (numru ta` registrazzjoni P38)**

***kontra***

**Domnic Micallef u Raymond sive` Renee Micallef ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Micallef Enterprises Limited (numru ta` registrazzjoni C6754) u b`digriet tat-23 ta` Jannar 2012 l-isem "Raymond" kien sostitwit bl-isem "Raymonda"**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li kien prezentat fis-7 ta` Novembru 2011 li jaqra hekk –

*Illi l-esponenti huma kredituri tas-socjeta` intimata u dan kif jidher mis-sentenza premessa li giet deciza fl-10 ta` Ottubru 2008 minn din l-Onorabbli Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Geoffrey Valenzia (sentenza hawn annessa u mmarkata bhala Dok A) ;*

*Illi b`din is-sentenza s-socjeta` intimata giet ikkundannata thallas lill-esponenti s-somma ta` Lm 19,224.73c (ossija €44,781.57) flimkien ma` l-ispejjez tal-kawza u bl-imghax kummercjali ;*

*Illi nonostante l-hrug ta` l-mandat ta` sekwestru ezekuttiv fis-26 ta` Ottubru 2009 fl-ismijiet "Carmel sive` Charles Attard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Attard Brothers vs Dominic Micallef u Raymond sive` Renee Micallef ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Micallef Enterprises Limited" bin-numru 1754/09 hawn ezibit u mmarkat Dok B u l-mandat ta` qbid ezekuttiv fit-3 ta` Lulju 2009 fl-istess ismijiet bin-numru 1103 hawn ezibit u mmarkat Dok C, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti ;*

*Illi minkejja illi ghaddew iktar minn erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat ta` sekwestru, l-esponenti ghadhom sal-lum ma thallsux l-ammont dovut lilhom u ghalhekk is-socjeta` intimata ma tistax thallas id-djunm taghha hekk kif provdut fil-ligi permezz tal-artikolu 214(5) tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*Illi s-socjeta` intimata baqghet tmexxi n-negozju taghha minkejja li ma setghetx thallas lid-debituri taghha u/jew bil-hsieb ta` frodi ta` kredituri taghha jew ta` kredituri ta` xi persuna ohra ;*

*Illi ghalhekk l-esponenti kellhom jintavolaw din il-procedura sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna x-xoljiment u l-istralcjar tas-socjeta` intimata ai termini tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Salv kull provvediment xieraq u opportun li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn imsemmija, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, joghgobha –*

*1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata ma tistax thallas id-djun taghha ai termini tal-artikolu 214(5) tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*2. Tahtar persuna idoneja sabiex ikun l-amministratur provvizorju tas-socjeta` intimata ai termini tal-artikolu 228 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta sakemm jigi ordnat ix-xoljiment u l-itralc tal-kumpannija hekk kif mitlub fit-tielet talba ta` dan ir-rikors u taghtih dawk il-poteri u funzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi, inklu dawk il-poteri li normalment huma ezercitabbli miod-diretturi tas-socjeta` intimata ;*

*3. Tordna x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` intimata ai termini tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-At Dwar il-Kumpanniji (Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*4. Tordna li jigi appuntat persuna idoneja sabiex ikun l-istralcjarju tas-socjeta` intimata u dan skond id-disposizzjonijiet tas-sub-titolu I tat-titolu II tat-Taqsima V tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*Dan taht dawk il-provvediment ohra inkluz jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa ordnijiet interim.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.*

Rat id-dokumenti kollha li kienu esebiti mir-rikorrenti mar-rikors promotorju.

Rat ir-risposta tal-kumpannija intimata li kienet prezentata fit-22 ta` Dicembru 2011 u li taqra hekk –

*1. Illi hija giet notifikata bil-proceduri li ghalihom qed issir din ir-risposta fis-6 ta` Dicembru 2011 u filwaqt li tikkontesta bil-qawwa kollha l-allegazzjoni tar-rikorrenti "illi s-socjeta` intimata baqghet tmexxi n-negozju taghha minkejja li ma setghetx thallas lid-debituri taghha u/jew bil-hsieb ta` frodi ta` kredituri taghha jew ta` kredituri ta` xi persuna ohra" tistqarr illi huwa minnu illi s-socjeta` eccipjenti ma hijiex f`posizzjoni finanzjarja tali li thallas il-kreditu tas-socjeta` rikorrenti u ghalhekk ma ssibx oggezzjoni li din il-Qorti tordna x-xoljiment u l-istralc taghha.*

*2. Salvi kontestazzjoni ulterjuri.*

B`digriet taghha moghti llum, l-isem "Raymond" qabel il-kunjom "Micallef" kien sostwit bl-isem "Raymonda", wara korrezzjoni mitluba mis-socjeta` rikorrenti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tal-lum fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum stess.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Din hija kawza fejn qed issir talba lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija Micallef Enterprises Limited (C6754). It-talba qed issir mis-socjeta` rikorrenti bhala kreditur tal-kumpannija intimata. Is-socjeta` attrici qeghda isostni l-pretiza taghha skond l-**Art.214 (2) (a) (ii) u l-Art.214 (5) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Fil-paragrafu **(a)** tas-subartiklu **(2)** tal-**Art.214**, il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti **TISTA`** xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha.

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba taghhom fuq wiehed miz-zewg subincizi li jaghmlu l-imsemmi paragrafu (a) u cioe` fuq is-subinciz (ii)

Skond is-subinciz **(ii)**, kumpannija tista` tigi xjolta u stralcjata mill-Qorti ... *jekk il-kumpannija ma tkunx tista` thallas id-djun taghha*.

Riferibbilment ghas-subinciz **(ii)**, l-**Art.214(5)** jistabilixxi meta kumpannija ghandha titqies li ma tkunx tista` thallas id-djun taghha ghall-finijiet ta` dak is-subinciz.

Is-subartikolu **(5)** ghandu zewg subparagrafi.

Is-subparagrafu **(a)** huwa dak rilevanti ghall-mertu ta` din il-kawza u jaqra hekk –

*jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa` ma thallasx ghal kollox jew f`parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta` titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b`xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artiklu 273 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

**Ikkunsidrat :**

Dan premess, din il-Qorti tghid li mill-atti li jaghmlu parti mill-process jirrizulta hekk –

1) Permezz ta` sentenza moghtija fl-10 ta` Ottubru 2008 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet *Carmel sive` Charles Attard et noe vs Domnic Micallef et noe (Citaz. Nru. 757/1995)* (fol 3 sa fol 11) il-kumpannija intimata kienet ikkundannata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` €44,781.57 bl-imghax kummercjali u bl-ispejjez.

2) Mhux kontestat li din is-sentenza ghaddiet in gudikat.

3) Fis-26 ta` Ottubru 2009, is-socjeta` rikorrenti pprezentat Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv Nru.1754/2009 kontra l-kumpannija intimata ghall-kreditu kanonizzat flimkien mal-ispejjez u l-imghax (Dok B a fol 12 sa 15). Is-sekwestrarji kienu notifikati fit-18 ta` Marzu 2010. Ghall-fini tal-Art.214(5)(a) tal-Kap.386, il-fattur rilevanti sabiex jiskatta l-perijodu ta` erbgha u ghoxrin (24) gimgha hija l-ezekuzzjoni tal-Mandat u allura n-notifika tas-sekwestratarji mhux in-notifika tad-debitur. Fil-kaz tal-lum irrizulta li s-socjeta` debitrici baqghet inadempjenti ghal aktar minn erbgha u ghoxrin gimgha wara l-eeskuzzjoni tal-Mandat.

4) Fit-3 ta` Lulju 2009, is-socjeta` rikorrenti pprezentat Mandat ta` Qbid Ezekuttiv Nru.1103/2009 kontra l-kumpannija intimata ghall-kreditu kanonizzat flimkien mal-ispejjez u l-imghax (Dok C a fol 16 sa 18). Skond ir-referta tal-Marixxall ma jirrizultax li dan il-Mandat kien ezegwit.

5) Il-fatt illi l-Mandat ta` Qbid Ezekuttiv Nru.1103/2009 ma kienx ezegwit ma jfissirx li l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax tirnexxi ladarba l-att ezekuttiv l-iehor u cioe` il-Mandat ta` Sekwestru Nru. 1754/2009 kien ezegwit skond il-ligi u l-kumpannija intimata baqghet inadempjenti.

6) L-allegazzjoni tar-rikorrenti illi s-socjeta` intimata baqghet tmexxi n-negozju taghha minkejja li ma setghetx thallas lid-debituri taghha u/jew bil-hsieb ta` frodi ta` kredituri taghha jew ta` kredituri ta` xi persuna ohra kienet kontestata mill-kumpannija intimata. Fi kwalunkwe kaz, l-allegazzjoni tar-rikorrenti mhijiex rilevanti ghall-istanza kif promossa fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-ligi specifikament citati mis-socjeta` rikorrenti. *Se mai* allegazzjoni ta` dik in-natura tkun trid pruvata fl-ambitu ta` azzjoni *ad hoc* fit-termini stabbiliti mill-Kap.386.

7) Il-kumpannija intimata taccetta li ma hijiex f`posizzjoni finanzjarja li thallas il-kreditu tas-socjeta` rikorrenti u ghalhekk ma topponix ix-xoljiment u l-istralc taghha.

**Ikkunsidrat :**

Mill-kumpless tal-provi akkwiziti, il-kwadru li johrog tal-kumpannija intimata huwa li fil-kuntest tal-pendenza li ghandha mas-socjeta` rikorrenti, il-kumpannija intimata tinsab fi stat ta` insolvenza ghall-finijiet u effetti kollha tal-

ligi. L-istess kumpannija intimata tiddikjara li mhix f`qaghda li thallas id-dejn li ghandha mas-socjeta` rikorrenti. Ghalhekk fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, din il-Qorti hija sodisfatta li rrizultaw l-elementi kollha li trid il-ligi sabiex tipprocedi ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija intimata abbazi tad-disposizzjonijiet tal-Kap.386 citati mis-socjeta` rikorrenti.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**1) Tilqa` l-ewwel talba u, bl-applikazzjoni tal-Art.214 (2) (a) (ii) u l-Art.214 (5) (a) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, tiddikjara li l-kumpannija intimata Micallef Enterprises Limited (C6754) ma tistax thallas id-dejn taghha.**

**2) Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tieni talba in vista ta` dak li sejra tipprovdi fir-rigward tat-tielet talba.**

**3) Tilqa` t-tielet talba u tordna x-xoljiment tal-kumpannija intimata Micallef Enterprises Limited (C6754) b`effett mis-7 ta` Novembru 2011, kif ighid l-Art.223(1) tal-Kap.386 u tordna wkoll l-istralc taghha.**

**4) Tahtar lill-Avukat Dottor Peter Fenech bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha li huma indikati fid-disposizzjonijiet tat-Titolu II Subtitolu I Kapitolu III tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta b`dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita` ta` dawk is-setghat u dmirijiet –**

**a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija ntimata kif irid l-Art.226 tal-Kap.386, jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-Art.227 tal-Kap.386;**

**b) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija ntimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun;**

**c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija ntimata kif ighid u jrid l-Art.237 tal-Kap.386;**

**d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija ntimata;**

**e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpannija intimata;**

**f) jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.**

**5) Tikkundanna lill-kumpannija intimata Micallef Enterprises Limited (C6754) ghall-hlas tal-ispejjez kollha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------